# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-Hamis 14 ta' Jannar 2016**

**Kawza Numru : 19**

**Rikors Numru : 22/2013 JPG**

**Page Limited (C38915)**

**Vs**

**Leonardo s.r.l., socjeta' Taljana bin-numru ta' registrazzjoni 01588640506**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat ta' Page Limited (C38915) tal-14 ta' Jannar 2013, li jaqra hekk:

1. *"Illi s-socjeta' esponenti giet appuntata bhala agent tas-socjeta' konvenuta u dana ai termini ta' kuntratt ta' agenzija datat 16 ta' Settembru 2011 [kopja annessa u immarkata bhala Dok PL1) u dana rigward it-tender intitolat "Services of Project and Construction Management (including services of Quantity Surveying and Services of Health and Safety)" GHRC 03/2011 FSE;*

2. *Illi tramite l-agenzija tas-socjeta' esponenti, is-socjeta' konvenuta rebhet it-tender de quo, u effettivament gie iffirmat il-kuntratt mal-Grand Harbour Regeneration Corporation;*

3. *Illi ai termini tal-klawzola 5(a) tal-ftehim ta' agenzija, is-socjeta' esponenti hija intitolata ghal tlieta fil-mija tal-valur tal-kuntratt de quo;*

4. *Illi inoltre, ghall-fatt biss li t-tender gie effettivament aggudikat mis-socjeta' konvenuta, is-socjeta' esponenti hija intitolata ghal pagament ta' tlett elef Ewro (€3,000) u dana ai termini tal-klawzola 5(f) tal-istess ftehim ta' agenzija;*

5. *Illi dan l-ammont ta' tlett elef Ewro (€3000) kien gie debitament fatturat, flimkien ma' ammonti ohra, mis-soceta' attrici permezz ta' fattura numru 180/11 (kopja ta'liema qed tigi annessa u immarkata Dok PL 2);*

6. *Illi inoltre, ai termini tal-Artikolu 5(d) tal-ftehim ta' agenzija de quo, is-socjeta' konvenuta hija obbligata li tipprovdi kopja tal-fatturi kollha li hija tibghat lill-Awtorita' Kontraenti jew Klijent Finali, u senjatament il-Grand Harbour Regeneration Committee, u kif ukoll prova ta' kull hlas;*

7. *Illi minkejja li giet diversi drabi interpellata sabiex i) tersaq ghal-likwidazzjoni tal-hlas dovut minnha ai termini tal-klawzola 5(a) tal-ftehim ta' agenzija; ii) sabiex thallas il-bilanc rimanenti ta' tlett elef Ewro (€3,000) fuq l-import tal-fattura numru 180/11 ai termini tal-klawzola 5(f) tal-istess ftehim ta' agenzija; u iii) sabiex tipprovdi l-informazzjoni skond il-klawzola 5(d) tal-istess ftehim ta' agenzija, anke permezz ta' ittra gudizzjarja pprezentata nhar it-30 ta' Ottubru 2012 (kopja legali annessa u immarkata Dok PL3), is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;*

8. *Illi minkejja r-rieda tajba tas-socjeta' esponenti u d-diversi tentattivi ghal soluzzjoni bonarja, is-socjeta' konvenuta ma tridx tonora l-obbligi kuntrattwali taghha u offriet biss li thallas ammont ferm inqas minn dak dovut minnha;*

9. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*Ghaldaqstant tghid is-socjeta' konvenuta ghalfejn dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja :*

1. *Tillikwida, anke permezz ta' esperti nominandi, l-ammont dovut lis-socjeta' attrici ai termini tal-klawzola 5(a) tal-ftehim ta' agenzija datat 16 ta' Settembru 2011;*

2. *Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ammont hekk likwidat;*

3. *Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ulterjuri ta' tlett elef Ewro (€3,000) ai termini tal-klawzola 5(f) tal-ftehim surreferit, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura numru 180/11;*

4. *Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont ulterjuri ta' tlett elef Ewro (€3000) ai termini tal-klawzola 5(f) tal-ftehim surreferit, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura numru 180/11;*

5. *Tordna lis-socjeta' konvenuta sabiex tipprovdi lis-socjeta' attrici id-dokumentazzjoni kollha imsemmija fi klawzola 5(f) tal-istess ftehim ta' agenzija, inkluz il-fatturi kollha minnha emessi lill-klijent finali u l-ircevuti kollha relattivi, rigward il-kuntratt "Services of Project and Construction Management (including services of Quantity Surveying and Services of Health and Safety) GHRC 03/2011 FSE", u dana taht piena ta' disprezz.*

*Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment, kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha."*

Rat l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta' intimata skond il-ligi;

Rat ir-risposta mahlufa tas-socjeta' Leonardo s.r.l. tal-11 ta' Frar 2013 (a fol. 20 et seq) li taqra hekk:

*"A. Stqarrija ta' l-Eccezzjonijiet.*

1. *Illi preliminarjament, il-kuntratt li fuq, s-socjeta' attrici qed tibbaza l-azzjoni taghha huwa null billi huwa affett minn causa illecita u kif ukoll billi l-oggett tal-*

*kuntratt huwa ipprojbit mill-ligi, u dan in kwantu l-attivita' ta' agenzija kummercjali assunta mis-socjeta' attrici ma tistax issir minn persuna mhux registrata ai termini ta' l-Artikolu 71(1) tal-Kodici tal-Kummerc, bil-konsegwenza allura li l-prestazzjoni li ghaliha qed titlob hlas is-socjeta' attrici tikkostitwixxi reat kriminali ai termini ta' l-Artikoli 73 tal-Kodici tal-Kummerc.*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' attrici m'ghandhiex dritt tezigi hlas minghand is-socjeta' eccipjenti, stante li hija ma qdietx l-obbligi kuntrattwali taghha bid-diligenza mehtiega, tant li kkagunat danni lis-socjeta' eccipjenti, kif se jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konkluzjoni tal-kuntratt pubbliku li ghalih tirreferi s-socjeta' attrici sehh minghajr l-assistenza tas-socjeta' attrici, u ghalhekk is-socjeta' eccipjenti m'hijiex obbligata thallas xejn lis-socjeta' attrici.*

4. *IIli minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tas-socjeta' attrici huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu rigettati.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, b'riserva ghal kull azzjoni spettanti lis-socjeta' konvenuta kontra dik attrici, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tar-rapprezentanti legali u gudizzjarji tas-socjeta' attrici."*

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta' Leonardo s.r.l. tal-11 ta' Frar 2013 (a fol. 22 et seq);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta Leonardo s.r.l. tal-5 ta' Gunju 2015 (a fol. 101 et seq);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici tal-10 ta' Lulju 2015 (a fol. 119 et seq.);

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-verbal tal-14 t'Ottubru 2015 li fih l-Avukati difensuri strahu fuq in-noti t'osservazzjonijiet rispettivi u ghazlu li ma jittrattawx ulterjorment;

**Ikkonsidrat:**

Mix-xhieda prodotta mis-socjeta intimata jirrizulta illi **David Curmi**, il-President tal-Kamra tal-Kummerc, jirrizulta illi skont il-Kodici tal-Kummerc min jagixxi ta' *commission agent* ghandu japplika mal-Kamra tal-Kummerc u jkun hemm process ta' accettazzjoni, sabiex wiehed ikun jista' jahdem bhala *commission agent*. Hu kkonferma li s-socjeta rikorrenti m'hijiex registrata bhala agent tal-kummerc fuq id-*database* tal-Kamra tal-Kummerc u fil-fatt la qatt kienet fuq din id-*database* u lanqas ukoll qatt ma ssottomettiet applikazzjoni mal-Kamra tal-Kummerc sabiex tkun tista' tagixxi bhala *commission agent*.[1]

Xehed ukoll in kontro-ezami illi l-Kamra tal-Kummerc qatt ma rcievet ilment jew rapport mis-socjeta intimata ghar-rigward tas-socjeta rikorrenti. Lanqas ma kien hemm *records* illi s-socjeta ntimata nnominat xi agent tal-kummerc iehor.[2]

In re-ezami kjarifika illi l-Kamra tal-Kummerc semplicement izomm registru ta' kull min japplika u jigi accettat bhala agent tal-kummerc, u ma tigix imbaghad informata meta xi terz iqabbad agent tal-kummerc partikolari.[3]

**Andre Camilleri**, Direttur tas-socjeta rikorrent, xehed permezz ta' affidavit a Fol 69 – 70 tal-process, u spjega illi s-socjeta rikorrent toffri numru ta' servizzi, l-iktar ta' *networking*. Qal illi socjeta Taljana bl-isem ta' Tecnostudio kienet gibdet l-attenzjoni tieghu ghal *tender* mahrug mill-Gvern ta' Malta u il-*Grand Harbour Regeneration Corportation* bl-isem '*Tender for the Services of Project and Construction Managament including services of Quantity Surveying and Services of Health and Safety*.' Din is-

[1]Fol 67a – 67b.
[2]Fol 67b-67c.
[3]Fol 67c – 67d.

socjeta informatu illi kienet taf b'socjeta li setghat tkun interessata f'dan it-*tender* u kienet ghaddewh mas-socjeta intimata, li sa dak iz-zmien qatt ma kien jafha u lanqas min kien id-direttur taghha.

Kompla illi d-direttur tas-socjeta intimata kien talba sabiex jirraprezenta lis-socjeta tieghu f'dan li ghandu x'jaqsam id-dokumentazzjoni tat-*tender* bhala rapprezentant ta' Leonardo S.R.L. Ghalhekk kien gie iffirmata ftehim fis-16 ta' Settembru 2011 fejn kien inkarigat bhala "*the representative*" jew "*the agent*". Skont hu, il-kelma agent f'dan il-kaz kienet tfisser mandatarju ghaliex gie tradotta direttament mill-kelma Taljana agent, li tfisser mandatarju. Jirreferi ghall-ewwel artikolu tal-ftehim li juri li l-ftehim kien limitat biss ghal dan it-tender.

Huwa cahad assolutament illi ghandu bzonn jkun registrat bhala agent tal-kummerc ghaliex huwa qatt ma nhatar bhala agent tal-kummerc tas-socjeta intimata, ghaliex huwa qatt ma gie awtorizzat sabiex jinnegozja kontinwament il-bejgh ta' ogetti u servizzi f'Malta mis-socjeta ntimata peress illi l-ftehim bejniethom huwa limitat biss ghat-*tender* bin-numru GHRC 03/2011 FSE. Isostni ghalhekk illi skont il-ftehim huwa kien awtorizzat bhala mandatraju ta' Leonardo S.R.L. Limitatament ghat-*tender* in kwistjoni.

Qal illi l-argument rigward in-necessita ghar-registrazzjoni bhala agent tal-kummerc qatt ma tqajjem sakemm giet intavolata l-kawza. Jghid anzi li Salvatore Re kemm il-darba iltaqgha mieghu u weghdu l-hlas u anke kien baghtlu lil certu Piero Torchiani biex jitolbu *discount*, li huwa kien irrifjuta peress li Re ma kienx zamm il-weghda tieghu.Qal finalment li Re kien anke pprova jinnegozja hlas anqas ghaliex kien allega li kellu problemi finanzjarji.

In kontro-ezami, a Fol 98A – 98L, ikkonferma li huwa kien sar jaf bis-socjeta ntimata fis-sena 2011, wara li kien gie introdott mis-socjeta Tecnostudio, u li dan kien l-unika *tender* fejn is-socjetajiet kontendenti kienu ppartecipaw flimkien. Qal anzi li meta kien kellem lil Salvatore Re fuq *tenders* ohra dan qallu li ma kienx interessat, ghaliex Re kellhu zewg ingeniera u persuna ohra li kienu jahdmu ghas-socjeta ntimata minn Malta.

Fir-rigward ta' hlas, qal li l-arrangament kien li huwa jigi mhallas ghas-servizzi tieghu u li intolte kienet giet miftiehma success fee filkaz li jintrebah it-*tender* mis-socjeta ntimata.

Fir-rigward tal-funzjoni tas-socjeta rikorrenti, qal li kienet speci ta' konsulent, fis-sens li kienet tispjega lis-socjeta ntimata kif tahdem is-sistema ta' *tenders* peress illi din kienet l-ewwel *tender* taghhom hawn Malta, jigwidhom fir-rigward ta' x'ghandu jinkiteb u x'ma ghandux isir, kif ukoll dak kollu li kienu jehtiegu minn naha taghhom, li kien intalab personalment.

Huwa cahad li skont il-ftehim zgur kien ser isir ftehim sussegwenti jekk is-socjeta ntimata tirbah it-*tender bid*, u qal li fil-fatt dan il-ftehim sussegwenti qattma sehh.

Mistoqsi ghalfejn kien irtira l-offerta ta' sktonijiet fuq l-ammont dovut mis-socjeta ntimata li kien ghamel, huwa rrisponda li dan kien ghaliex Re minn naha tieghu kien naqas li jhallas fiz-zmien stipulat u ghalhekk irtira dawn l-iskontijiet minhabba nuqqas ta' rieda tajba minn naha ta' Re. Ikkonfrontat b'email li tinsab ezebita a Fol 40, huwa spjega li f'laqgha li kellhu ma' Re, Re kien talab skont qabel ma jippartecipaw fi progetti ohra flimkien, u kien qallu li jekk joffrilu skont kien ser ihallsu u kienu ser jahdmu *tenders* ohrajn flimkien. Ghalhekk huwa kien accetta li joffri skont, izda meta baqa' ma thallasx u ra li s-socjeta ntimata kienet involviet ruhha f'*tenders* ohrajn minghajr is-socjeta rikorrent, huwa ddecieda li jirtira l-iskontijiet li kien offra.

Rigward ix-xoghol li s-socjeta rikorrenti kienet ghamlet ghas-socjeta ntimata, Camilleri wiegeb illi dan kien jikkonsisti fis-segwenti:

'*collecting tat-tender innfisu, nibaghtulu, nispjegalu x'jirrikjedi skont il-ligi tat-tendering jew inkella minn naha taghhom ta' GHRC hemm daqsxejn affarijiet differenti minn tal-contracts. Spjegatlu kif hija tahdem. Niccekja li hu minn naha tieghu l-forms jimlihom kif suppost. Fejn hemm bzonn nghinu biex jikteb ghax jekk hemm bzonn nghinu anke naqra fl-Ingliz kien hemm fazi fejn kont ktibtilhom jien l-affarijiet. Ghinthom ukoll f'xi translations minn naha taghhom. Nibghatu documentation minn naha taghhom u jghalqu t-tender flimkien minn naha taghhom plus li mmur nitfagghulhom kien l-GHRC...Kif ukoll assistejthom fejn jidhol il-Bank biex johorgu huma l-bid bond. Ma*

*lahqitx waslet minn naha taghhom imbaghad hrigt il-flus jiena biex tfew il-bid bond and any other things that they require from their side excluding any financial agreements...Pero jekk huma jitolbuni minn naha taghhom "ghini fuq third parties", intihom lista ta' third parties imbaghad jaraw huma minn naha taghhom u l-agreements*."

Spjega illi t-*tender* kien gie sottomess minnu a nom tas-socjeta ntimata. Fir-rigward tal-*key experts* qal li s-socjeta ntimata kienet talbit jekk jafx xi nies u ghalhekk huwa kien procidhom b'lista, pero kienu huma li ghazlu n-nies li riedu, tant illi hemm numru ta' *key experts* li huwa lanqas biss jafhom peress li kien sabhom certu Piero Torchiani. Jghid illi fil-fatt, is-socjeta ntimata kienet iffirmata ftehim ma' dawn il-*key experts* direttament.Huwa fin-negozjati rigward il-*key experts* qatt ma dahal, kull m'ghamel kien illi ghada lista ta' nies lis-socjeta ntimata u ghamel xi traduzzjonijiet tal-ftehim li kienu gew konkluzi bejn is-socjeta ntimata u l-*key experts* maghzula minna.

In re-ezami kkonferma illi f'dak li ghandu x'jaqsam rati, prezz u offerta ta'*tender* huwa ma kellhux x'jaqsam ghaliex dawn il-figuri gew stabbiliti ms-socjeta ntimata.

**Salvatore Re**, prodott mis-socjeta rikorrenti in subizzjoni xehed a Fol 86 – 94 illi huwa l-uniku amministratur tas-socjeta ntimata u kkonferma li l-ftehim tas-16 ta' Settembru 2011 kien limitat unikament ghat-*tender* bin-numru GHRC 03/2011. Huwa nnega illi s-socjeta ntimata tat xi mandat lis-socjeta rikorrenti u qal illi waqt li kien ghaddej il-process ta' dan it-*tender* is-socjeta rikorrent kienet tirraprezenta s-socjeta ntimata u tibaghtilhom informazzjoni fuq *tenders* ohrajn. Jghid illi ghalhekk is-socjeta rikorrenti kienet tirraprezenta s-socjeta ntimata fl-attivita li kellha f'Malta.

Skont dan ix-xhud, it-*tender* bin-numru GHRC 03/2011 ma kienx l-unika *tender* li s-socjeta rikorrenti kienet hadmet ghas-socjeta ntimata, izda fuq dawn it-*tenders* l-ohrajn qatt ma kien gie fformalizat ftehim bil-miktub ghaliex qatt ma kienu waslu.

Huwa spejga illi s-socjeta rikorrenti kienet operat b'mod hazin billi kienet marret oltre l-*budget* li kienet giet moghtija mis-socjeta ntimata, u kien ghalhekk li s-socjeta ntimata riedet thallas ammont ridott, u mhux l-ammont li kien gie miftiehem fuq il-ftehim tas-16 ta' Settembru 2011.

In kontro-ezami huwa spjega li ghal fini tat-*tender* GHRC 03/2011, s-socjeta ntimata kellha bzonn hames figuri professjonali, li kienu entro l-*budget* tas-socjeta, kellhom bzonn jixtru materjal u li jigu rapprezentanti f'Malta minn socjeta Malta li setghat tigarantilhom il-partecipazzjoni taghhom peress li kien l-ewwel *tender* taghhom f'Malta. Spejga li l-funzjoni tas-socjeta rikorrenti kienet illi tirraprezenta lis-socjeta ntimata, tmur ghal laqghat necessarji, u tizvolgi l-attivita teknika jew ta' support kollha li kellha bzonn s-socjeta ntimata, inkluz anke li tinnegozja.

Qal ukoll illi s-socjeta ntimata kienet stabbilit relazzjoni mas-socjeta rikorrenti u kien ppartecipaw fit-*tender* ta' Villa Bighi, pero ma kienx komplew b'dan it-*tender* ta' Villa Bighi. Spjega li kien hemm din l-attivita ta' negozjazzjoni bejn is-socjetajiet kontendenti li ghas-socjeta ntimata kienet importanti sabiex s-socjeta rikorrenti tkun tista' ssir il-punt ta' riferiment taghha.

Spjega li d-dokument ezebit a Fol 44 huwa ittra li s-socjeta ntimata kienet baghtet lil *Grand Harbour Operations* sabiex tinformhom illi kienet ser tigi rapprezentat mis-socjeta rikorrenti, li kienet ser tiehu hsieb dak kollhu li kien hemm bzonn sabiex l-applikazzjoni ghat-*tender* timxi l-quddiem.

Qal illi s-socjeta ntimata kienet diga hallset ghall-materjali li kienu nxtraw mis-socjeta rikorrenti, peress illi dawn kienu spejjez li kienu gew anticipati mis-socjeta rikorrenti. Fir-rigward tal-bqija tal-hlas, is-socjeta ntimata kienet offriet in via di transazzione li thallas ammont ridott peress illi kellhom jibdlu tlieta mill-hames professjonisti li kienu gew mahtura mis-socjeta rikorrenti peress li l-pagament taghhom kien oltre l-*budget* iffissat mis-socjeta ntimata.

**Ikkonsidrat:**

Id-definizzjoni ta' agent tal-kummerc tinsab fl-**Artikolu 70A tal-Kodici tal-Kummerc**, li jipprovdi illi:

> ***"aġent tal-kummerċ" tfisser persuna li ma jkunx impjegat mal-prinċipal, li jkollu awtorità kontinwa li jinnegozja l-bejgħ jew ix-***

> ***xiri ta' oġġetti jew servizzi għan-nom ta' xi persuna oħra (il-prinċipal), jew li jinnegozja u jikkonkludi l-bejgħ jew ix-xiri ta' oġġetti jew servizzi bħal dawk għal u f'isem dak il-prinċipal, imma ma tinkludix:***
>
> ***(i) persuna li, fil-kapaċità tagħha bħala uffiċjal ta' kumpannija jew assoċjazzjoni, jkollha s-setgħa tagħmel rabtiet li jkunu jorbtu lil dik il-kumpannija jew assoċjazzjoni;***
> ***(ii) soċju li jkun b'mod leġittimu awtorizzat jagħmel rabtiet li jkunu jorbtu lis-soċji tiegħu;***
> ***(iii) persuna li taġixxi bħala prattikant fl-insolvenza f'Malta jew f'posizzjoni ekwivalenti f'xi ġurisdizzjoni oħra;***

L-**Artikolu 70 (2)** jipprovdi pero illi s-segwenti persuni **ma jaqghux** taht id-definizzjoni ta' agent tal-kummerc:

> ***(a) aġenti tal-kummerċ li l-attivitajiet tagħhom ma jkunux rimunerati;***
>
> ***(b) aġenti tal-kummerċ meta dawn joperaw fuq skambji ta' kommoditajiet jew fis-suq tal-kommoditajiet; u***
>
> ***(ċ) persuni li l-attivitajiet tagħhom bħala aġenti kummerċjali huma sekondarji.***

Skont il-**Professur Felice Cremona**, agent tal-kummerc huwa:

> ***'A commission agent is a person permanently and personally employed by one or more firms abroad to promote their business in these islands and to transmit orders for acceptance. It appears from the said definition that the persons referred to by the law as 'mercantile or commission agents' are not mercantile agents in the juridical sense of the word as they have no power and authority to act in the name of their principal. Their function is***

> ***that of an intermediary, and corresponds to some extent to the one exercised by the mandatory with no power of representation'.*** [4]

Din il-posizzjoni tirrifletti t-taghlim ta' **Vivante**, skont liema:

> ***'Mercè un esercizio autonomo della propria attività questi agenti si dedicano stabilmente alla ricerca degli affari per conto di uno o più commercianti. Alcuni di essi hanno la facoltà di concludere gli affari del principale … altri e sono i più hanno il compito limitato di promuovere le proposte dei clienti e di trasmetterli al principale appoggiandolo con le informazioni il principale si riserva il diritto di accettarle, di respingerle o modificarle, perche vuole definire i propri affari secondo le proprie disponibilità, secondo le condizioni generali del mercato, da un solo centro di direzione … Egli [l'agente di commercio] ha un' azienda indipendente [dal principale] mette insieme ed esercita un' azienda autonoma lavora in nome proprio, per professione abituale per parecchie ditte, può promuovere gli affari ache fra loro, onde è da considerarsi commerciante come titolare di un' agenzia o di un ufficio d' affari."*** [5]

Fir-rigward tat-tifsira tal-kuncett ta' **'stabilmente'** (fit-test Malta **'awtorita kontinwa'**), il-**Professur Ramella** jghallem illi:

> ***"Che l` incarico per ragion di tempo sia stabile, ne` gia` riferito ad una occasionale trattazione, poiche` le leggi in prevalenza si riferiscono a rapporti di permanente durata, continuativi, che l` attivita` dell` agente e` rivolta alla trattazione di molteplici affari che nell` ordine di tempo si susseguono e concorrono a sviluppare l` azienda del commerciante per cui opera e con cui e`***

---

[4] Citat b'approvazzjoni fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Darmanin noe vs Anthony Baldacchino pro et noe**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Superjuri) Appell Civili numru 154/1995 deciza fid-29 ta' Ottubru 2004.

[5] **Vivante, Trattato de Diritto Commerciale**, pg. 309.

> ***legato con contratto permanente, stabile, per tutto il complesso degli affari dell` azienda, ne` gia` per singole operazioni, anche se taluna, per l` importanza sua, possa richiedere per la sua esecuzione una certa durata.”***[6]

Fis-sentenza **Cauchi noe vs Debono noe**, deciza fit-18 ta' Gunju 1954, **il-Qorti tal-Appell** irrilevat illi

> **“[i]*l-legislatur Malti rritjena l-kelma `stabilimente` ghax probabilment irrispekkja ruhu fuq il-Progett tal-Vivante tal-1925, kif jidher mid-dibattitu parlamentari. Infatti, meta l-Ministru tal-Gustizzja ntroduca l-ligi fit-tornata tat-22 ta` Frar 1926, u semma d-diversi fonti, hu inkluda anki l-Progett tal-Vivante (Parl. Debates Vol 12, Sess 1924-27. Fifth Part p. 5155). Kozikke` l-komment tar-Ramella huwa appozitu ghal-ligi taghna, ghaliex din ghandha precizament ir-rekwizit li semma hu ta` l-istabilita`.*”**

Skont l-istess sentenza fil-fatt:

> **“[h]*i haga komuni fil-prattika merkantili u del resto logika, li dar ta` barra ma taqbadx tinnomina agent taghha mill-ewwel, imma li tittratta affarijiet ma` diversi biex tkun tista` tara ma` min aktarx mexxilha l-agenzija taghha l-ahjar. Ghalhekk in-nomina ta` l-agent ma tistax tinstab f`dawn il-preliminari.*”**

Ghalhekk il-Qorti tal-Appell kienet irriteniet illi sabiex jigi provat ir-rapport guridiku allegat mis-socjeta ntimata, trid issir prova mhux biss tal-fatt illi s-socjeta rikorrenti ghamlet operazzjonijiet mad-dar ta' barra, u cioe s-socjeta ntimata, li fihom esplikat l-operat ta' agent, izda wkoll illi s-socjeta ntimata ingaggat lis-socjeta rikorrenti bhala l-agent taghha f'Malta. Il-Qorti tal-Appell spjegat ir-ragunament taghha b'dan il-mod:

---

[6] **Bolaffio e Vivante, Codice Commerciale Commentato**, Vol VI, pg. 402.

> ***" ... il-Qorti hija tal-fehma li l-attur nomine, ghalkemm ghamel operazzjonijiet mad-dar li fihom kellu figura ta` agent, eppure ma giex mid-dar nominat agent taghha. Dan ma jfissirx li ghal din in-nomina hemm bzonn bilfors ta` xi kuntratt formali; imma jehtieg li almenu mill-korrispondenza jirrizulta mhux biss il-konkluzjoni ta` xi operazzjonijiet maghmula mill-attur bhala agent fl-operazzjoni li tkun qeghda ssir, imma jehtieg li jkun hemm <u>xi haga li wiehed minnha jista` jiddezumi li d-dar ikkonferiet l-agenzija</u> lilu ; dak li fil-kaz prezenti ma hemmx ; Hu veru li f`xi dokumenti, imsemmija fis-sentenza appellata, id-dar irriferiet ghall-attur bhala agent imma dawk il-kliem ifissru biss li f`dawk in-negozji l-attur kien qed jagixxi fil-kwalita` ta` agent, izda ma jistghux bl-ebda mod jigu estizi li jfissru li d-dar ikkonferietlu l-agenzija taghha stabiliment ; ... Bniedem jista` jaghmel operazzjonijiet ma` dar ta` barra bla ma jkun agent taghha, u ntant f`dawn l-operazzjonijiet jiehu l-parti ta` agent, ghax ikun intermedjarju bejn il-klijent li jaghmel l-ordni u d-ditta li lilha jigi trasmess l-ordni ; u bniedem jista` min-naha l-ohra, jaghmel operazzjonijiet bhala agent mad-dar ta` barra u jkun fil-fatt gie nominat bhala agent taghha. Il-kaz ta` l-attur kien dak ta` l-ewwel u ma lahaqx wasal ghat-tieni stadju."***
> (Enfasi ta' din il-Qorti)

Il-gurisprudenza Maltija abbracjat u applikat dan ir-ragonament tal-Qorti tal-Appell b'mod kostanti. F'sentenza recenti per ezempju, din il-Qorti diversament presjeduta sabet illi ma kienx hemm relazzjoni guridika ta' agent ta' kummerc anke f'sitwazzjoni fejn intqal il-kliem '***you are our man in Malta***' mill-principal, ghaliex, wara li ghamlet referenza ghas-sentenza hawn fuq citata, l-Qorti kienet tal-fehma illi:

> **"[i]*s-servizz li Investwell tat lil Litasco kien ghadu fil-bidu u kien limitat ghall-ewwel kuntratt – kif huwa evidenti mill-assjem tal-provi li ghalihom diga` saret riferenza. Huwa improbabbli ferm illi sa mill-ewwel kuntratt Litasco kienet sejra taccetta – minghajr il-prova taz-zmien – lil Investwell bhala agent taghha ghall-***

> ***kuntratti li setghet wara tikkonkludi mal-Enemalta. L-assjem tal-provi b`ebda mod ma juri li hekk kien se jkun il-kaz b`effett mill-ewwel kuntratt.***
>
> ***(...) Din il-Qorti hija tal-fehma illi b`dak li Investwell kienet qeghda taghmel fil-fatt kien li kienet qeghda tirsisti biex tirbah kemm tista` l-fiducja shiha ta` Litasco fl-eventwalita` li tinhatar l-agent taghha – forsi anke esklussiv. Il-Qorti taghmel riferenza ghall-emails skambjati wara l-ewwel kuntratt. Tant Anthony Pisani ghal Investwell kien konsapevoli li ma kienx ghadu nhatar agent li kiteb hekk (ara fol 122) - "In this respect, we expect Litasco to reciprocate this mutual understanding that anything which goes through Malta we are involved and informed." Li kieku Investwell kienet diga` agent ta` Litasco, ma kienx jinkiteb hekk. "***[7]

**Ikkonsidrat:**

Gie sufficjentement provat, mix-xhieda ta' David Curmi, il-President tal-Kamra tal-Kummerc illi s-socjeta rikorrenti **ma kelliex awtorizzazzjoni** sabiex tagixxi bhala agent tal-kummerc u li filfatt **qatt** ma kienet applikat mal-Kamra tal-Kummerc sabiex tikseb tali awtorizzazzjoni.

Dak illi jrid jigi evalwat minn din il-Qorti ghalhekk huwa jekk is-socjeta rikorrenti kienetx qed tagixxi bhala l-agent tal-kummerc tas-socjeta ntimata. Fil-kaz prezenti il-Qorti tinsab rinfaccata b'zewg verzjonijiet dijametrikament opposti rigward ir-relazzjoni guridika tal-kontendenti. Is-socjeta ntimata resqet l-eccezzjoni preliminari taghha a bazi tal-argument illi s-socjeta rikorrenti kienet qed tagixxi bhala l-agent tal-kummerc taghha, filwaqt li s-socjeta rikorrenti tinnega dan u tghid li l-ftehim li kien hemm bejniethom kien dak ta' mandat u mhux ta' agenzija tal-kummerc.

[7] **Investwell Ltd vs Av. Dr. Henry Mizzi noe**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, Citazzjoni numru 753/2008 deciza fis-16 ta' Jannar 2014

Fuq il-kwistjoni tal-konflitt tal-provi inghad illi:

> ***"mhux kwalunkwe' tip ta' konflitt (fil-verzjonijiet moghtija tal-partijiet) ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha .... .... Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke' fuq il-bilanc tal-probabilita' u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (...) anzi', f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita' tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti."***[8]

Inghad ukoll illi ***"fi kwistjoni ta' kredibilita' u apprezzament ta' provi l-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk l-ispjegazzjoni hix possibbli u minn awl id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja.***"[9]

F'kazijiet fejn il-Qorti tkun rinfaccata minn provi konfliggenti, il-Qorti ghandha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi li jkunu gew prodotti quddiema, u cioe:

> ***1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u***

---

[8] **Carmelo Farrugia vs Rokko Farrugia**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fil-24 ta' Novembru 1966.
[9] **Joseph Borg vs Joseph Bartolo**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Inferjuri) deciza fil-25 ta' Gunju 1980.

***2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur.***[10]

Applikat it-taghlim suespost ghall-provi mressqa f'din il-kawza, l-Qorti ssib illi l-verzjoni tas-socjeta rikorrenti hija aktar verosimili minn dik tas-socjeta ntimata, f'dak li jirrigwarda r-relazzjoni guridika ta' bejn il-kontendenti.

Gialadarba din l-eccezzjoni preliminari giet mressqa mis-socjeta ntimata, fis-sens li s-socjeta rikorrenti kienet qed tagixxi bhala l-agent tal-kummerc taghha, **l-oneru tal-prova** tal-ezistenza ta' tali relazzjoni guridika kien jinkombi fuqha. Pero l-unici provi li tressqu mis-socjeta ntimata kienu xhud uniku (il-President tal-Kamra tal-Kummerc), sabiex jikkonferma illi s-socjeta rikorrenti ma kelliex licenzja biex topera bhala agent tal-kummerc, u kontro-ezami ta' Salvatore Re, li gie prodott mis-socjeta rikorrenti sabiex jixhed in subizzjoni.

Is-socjeta' intimata kellha tipprova fuq bilanc ta' probabilitajiet mhux biss illi s-socjeta rikorrenti ma kelliex licenzja biex topera bhala agent tal-kummerc**, izda wkoll illi fil-fatt kienet qed topera bhala tali agent.**

Il-Qorti tqis illi l-verzjoni moghtija minn Salvatore Re, l-amministratur tas-socjeta ntimata hija nieqsa minn dawk l-elementi ta' kredibilita, konsistenza u verosimiljanza necessarji sabiex teskludi l-verzjoni tas-socjeta rikorrenti.

L-ewwel nett, Re naqas milli jipproduci provi sabiex jikkoroboraw it-tezi tieghu, provi li certament kienu a disposizzjoni tieghu u setghu jigi prodotti fil-mori tal-kawza. B'mod partikolari. B'referenza ghall-kontestazzjoni illi dan it-*tender* ma kienx l-ewwel wiehed li nhadem flimkien mas-socjeta rikorrenti, il-Qorti tinnota li ma tressqet l-ebda prova dokumentarja sabiex tikkorobora din l-allegazzjoni. Il-Qorti tifhem li dato li skond Re, ma kien gie konkluz l-ebda ftehim bil-mitkub, huwa ghal kollox inverosimili li ma kienet tezisti ebda prova dokumentarji li tikkorobora il-verzjoni li Re ried li titwemmen.

Il-Qorti tifhem illi independentement minn nuqqas ta' ftehim bil-miktub, il-kontendenti necessarjament kellhom jikkomunikaw fir-rigward ta' dawn il-progetti "l-ohra", u

[10] **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et,** Qorti tal-Appell Civili (Sede Nferjuri) deciza fil-24 ta' Marzu 2004.

ghalhekk wiehed kien jistenna l-ezistenza ta' korrispondenza jew skambju ta' posta elettronika, korroborattiva. Eppure, ebda dokument ta' din in-natura ma gie prodott.

Apparti dan, jekk huwa minnu li s-socjeta rikorrenti kienet diga ghamlet xi xoghol ghas-socjeta ntimata, wiehed kien jistenna illi l-istess socjeta' tkun baghtet xi *invoices* ghas-servizzi provduti minnha. Xejn minn dan pero ma gie prodott quddiem il-Qorti, u huwa ghal kollox inverosimili illi ma tezisti l-ebda prova dokumentarja illi tikkorobora il-verzjoni ta' Re illi t-*tender* in kwistjoni ma kienx l-unika progett li s-socjeta rikorrenti kienet qed tippresta s-servizzi lis-socjeta ntimata.

Apparti li ma tressqet ebda prova korroborattiva tal-verzjoni ta' Re, jirrizultaw inkonsistenzi serji fix-xhieda ta' Re. Dan ix-xhud sahaq hafna fuq il-fatt illi t-*tender* in kwistjoni ma kienx l-unika *tender* illi kien inhadem flimkien mas-socjeta rikorrenti. Pero, fix-xhieda tieghu stess **jikkontradici din it-tezi darbtejn**, u cioe meta xehed illi:

1. dan kien l-ewwel *tender* tas-socjeta ntimata f'Malta (a fol. 86, 87, 89 u 91); u

2. illi matul il-kors tal-applikazzjoni ghat-*tender*, is-socjeta ntimata kienet qed tevalwa u tinnegozja mas-socjeta rikorrenti, sabiex tistabilixxi jekk is-socjeta rikorrenti tistax issir il-punt ta' riferiment taghha hawn Malta (a fol. 91).

Inoltre, ghalkemm l-istess xhud jghid li s-socjeta ntimata kellha tirrevoka n-nomina ta' numru ta' *key experts* mahtura mis-socjeta rikorrenti, peress illi din kienet naqset milli tinnegozja cifra illi kienet entro l-*budget* tas-socjeta ntimata, ma gie prodott l-ebda dokument li jipprova li s-socjeta rikorrenti kienet innegozjat ma' u ghazlet hi li dawn il-*key experts* (mifhum illi ghalkemm il-*key experts* gew maghzula mis-socjeta rikorrenti, din informat lis-socjeta ntimata dwar l-ghazla taghha), u lanqas xi dokumentazzjoni li turi li s-socjeta ntimata tat struzzjonijiet sabiex tigi revokata n-nomina ta' dawn il-*key experts*.

Ikkonsidrat dan kollu, l-Qorti tqis illi hija inverosimili, u assolutament mhux korroborata il-verzjoni ta' Re illi apparti t-*tender* in kwistjoni, s-socjeta rikorrenti kienet qed tahdem u fil-fatt hadmet fuq *tenders* ohrajn mas-socjeta ntimata. Mill-provi

mressqa, jidher aktar verosimili illi t-*tender* in kwistjoni kien l-ewwel u l-unika darba li s-socjetajiet kontendenti kienu qed jahdmu flimkien.

**Ikkonsidrat:**

Applikat il-principji enuncjati aktar il-fuq, u wara li qieset il-provi prodotti quddiema, il-Qorti tqis illi s-socjeta rikorrenti ma kienetx qed tagixxi bhala l-agent tal-kummerc tas-socjeta ntimata.

L-ewwwel nett, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, il-Qorti qed twarrab l-argument tas-socjeta ntimata illi t-*tender* in kwistjoni ma kienx l-ewwel u l-unika *tender* illi hadmet flimkien mas-socjeta rikorrenti. Il-Qorti anzi hija tal-fehma li r-ragonament kontenut fil-gurisprudenza citata japplika perfettament fil-kaz de quo, ghaliex kien Salvatore Re stess li qal illi dan it-*tender* kien importanti sabiex is-socjeta ntimata tevalwa r-relazzjoni taghha mas-socjeta rikorrenti u tara jekk din tistax issir il-punt ta' riferiment taghha hawn Malta fil-futur.

Dan juri illi s-socjeta ntimata ma kienetx appuntat lis-socjeta rikorrenti bhala l-agent kummercjali taghha hawn Malta fil-fiss, izda biss kienet qed tevalwa il-modus operandi tas-socjeta rikorrenti sabiex tiddiciedi ghandiex taghti lis-socjeta rikorrenti tali appuntament.

Mill-provi jirrizulta wkoll illi s-socjeta ntimata kellha anzi l-intenzjoni illi tistabilixxi entita lokali hija stess, diga kellha *team* taghha hawn Malta. Dan jidher mill-email mibghut minn Re lis-socjeta rikorrenti, ezebit bhala Dok PL10, a Fol 42, li jaqra testwalment:

> ***"At the moment we are finalising our local entity setup, and we will come back to you when this process is complete, which should happen within maximum 3 weeks.***
>
> ***In the meantime I will get someone from our local team to contact you."***

Il-Qorti tqis illi l-kwistjoni rigward l-iskontijiet offruti mis-socjeta rikorrenti lis-socjeta ntimata, ma jipprovawx li kien hemm xi relazzjoni ta' agenzija tal-kummerc kif tikkontendi s-socjeta ntimata. Huwa aktar verosimili illi s-socjeta rikorrenti kienet qed tirsisti sabiex l-ewwel nett tithallas skont kif patwit bejn il-kontendenti fil-ftehim taghhom, u t-tieni nett sabiex tirbah il-fiducja tas-socjeta ntimata biex tigi nvoluta f'aktar xoghol mis-socjeta ntimata. Ghalhekk, il-kwistjonijiet ta' l-iskontijiet offerti mis-socjeta rikorrenti aktar ixxaqleb il-piz tal-provi lejn tas-socjeta rikorrenti cioe' li kienet ghada fil-fatt ma gietx nnominata bhala l-agent tal-kummerc tas-socjeta ntimata.

Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta ntimata u tordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza fil-mertu.

L-ispejjez jibqghu riservati ghal gudizzju finali.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**